Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9262 — ADM/Gleadell Agriculture)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 38/10)

1. Fit-23 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ADM Arkady Limited ("ADM", ir-Renju Unit),

— Gleadell Agriculture Limited ("Gleadell", ir-Renju Unit), ikkontrollata b'mod konġunt minn ADM u Invivo Grains.

ADM takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll ta' Gleadell kollha kemm hi. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ADM: (i) l-ipproċessar ta' żrieragħ żejtnin, żrieragħ tal-lift, qamħirrum, zokkor, qamħ u prodotti oħra agrikoli; u (ii) il-manifattura ta' żjut u xaħmijiet veġetali, proteini veġetali, għalf, qamħirrum, sustanzi li jagħtu l-ħlewwa, dqiq, bijodiżil, etanol u ikel u ingredjenti oħrajn tal-għalf b'valur miżjud.

— Gleadell: (i) provvista ta' taħħana, maljeri, għalf kompost, u konsumaturi oħra tal-qamħ; u (ii) esportazzjoni ta' qmuħ, żrieragħ żejtnija u legumi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9262 — ADM/Gleadell Agriculture

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.